MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1931/2000/1

**A**

**vs**

**B, mart A**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici li giet prezentata fl-20 ta' Settembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur izewweg lill-intimata fit-8 ta' Marzu 1997, u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbili minhabba servizzi, eccessi, theddid u ngurji gravi da parti tal-konvenuta, li ghandha personalita' pussessiva, tant li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Illi l-intimata kienet impjegata mal-Gvern b'introjtu fis, u minghajr raguni valida, anzi kapriccozament, irrezenjat mill-istess impjieg;

Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Dok. "A");

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija esklussiva tal-konvenuta *stante* servizzi, eccessi, theddid u ingurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur u talli wkoll iz-zwieg tkisser b' mod irrimedjabbli;

2. Tawtorizza lill-attur jghix separat mill-konvenuta martu;

3. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16)**;

4. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja parti wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta u mhux necessarjament fi kwota ugwali;

5. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dwak inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri datat 17 ta' Awissu 2000 (Digriet Numru 1178/2000) fejn awtorizzat lill-attur jipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni izda astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra fir-rikors ta' l-attur datat 28 ta' Lulju 2000, (talbiet dwar manteniment lill-attur u sabiex l-konvenuta tigi ordnata tohrog mid-dar) b'riserva ghal kull dritt fir-rigward tar-rikorrenti ghal dak li hu stadju ulterjuri (Dok. "A" – fol. 5 sa 8 tal-process).

Rat li l-istess kawza giet appuntata minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo b'digriet datat 30 ta' Novembru 2000 ghall-14 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 12 ta' Marzu 2001 a fol. 13 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi z-zwieg tkisser, izda dan gara minhabba l-imgieba hazina ta' l-attur innifsu li haqar mentalment lill-eccipjenti bl-eskluzjoni deliberata ta' l-ulied mill-hajja mizzewga taghhom;

2. Illi raguni ohra ghat-tkissier taz-zwieg hija li l-attur huwa influwenzat negattivament minn qrabatu u m'huwiex kapaci jagixxi skond il-volonta' tieghu;

3. Illi ghalhekk filwaqt li hija taqbel illi tinfired – anzi dan huwa kaz ta' annullament taz-zwieg – l-esponenti tichad li hija kkommettiet sevizzji, eccessi, theddid u inguriji gravi kif allega l-attur fl-ewwel talba tieghu;

4. Illi l-eccipjenti topponi l-applikazzjoni kontra taghha tad-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili;

5. Illi l-hames talba hija irritwali f'kaz ta' azzjoni ghas-separazzjoni personali;

6. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni taghha u l-lista tax-xhieda a fol.14 tal-process.

Rat l-atti kollha relattivi ghan-nom ta’ Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Louisa Tufigno bhala avukat u P. L. ghall-ghajnuna legali, nominati b’digriet tat-2 ta’ Awissu 2000 a fol. 15 sa 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-14 ta’ Gunju 2001 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Gonzi biex tigbor il-provi kollha.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Novembru 2001 fejn Dr Tonio Azzopardi ghall-konvenuta talab in-nomina ta’ Perit Mediku Psikjatra sabiex jezamina liz-zewg partijiet. Il-Qorti hekk diversament presjeduta nnominat lil Dr John Mifsud biex jezamina liz-zewg partijiet. Sadanittant l-Assistenta Gudizzjarja kellha tkompli bil-gbir tal-provi.

Rat l-avviz tal-Qorti hekk diversament presjeduta tal-15 ta’ April 2002 fejn ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta u dan ghall-15 ta’ Ottubru 2002.

Rat ir-rikors (1) tal-konvenuta datat 22 ta’ Lulju 2002 fejn talbet li jinbidel l-espert psikjatriku minhabba li allegat li ma kien sar xejn.

Rat id-digriet tal-24 ta’ Lulju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ssostitwiet lil Dr Joseph Cassar bhala Perit Psikjatriku minflok Dr John Mifsud.

Rat ir-rikors tal-konvenuta (2) datat 21 ta’ Awissu 2002, id-digriet ta’ din il-Qorti datat 22 ta’ Awissu 2002 fejn giet ordnata in-notifika; u d-digriet tad-19 ta’ Jannar 2004 li peress li l-Qorti rat li n-notifika ordnata ma saritx u cahdet it-talba fir-rikors imsemmi tal-21 ta’ Awwissu 2002.

Rat in-nota tal-attur **A** datata 14 ta’ Ottubru 2002 (fol. 27) li permezz taghha esebixxa l-affidavit **tieghu**.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b’ terminu ta’ 30 jum u

fejn l-Assistenta Gudizzjarja giet ordnata sabiex tiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat in-nota tal-attur datata 17 ta' Novembru 2002 li permezz taghha pprezenta tlett affidavit; ta' **Ninu Grech** (missier l-attur), **Madeleine Grech** (omm l-attur) u **Joseph Grech** (hu l-attur).

Rat in-notamenti ta' l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi nkluz dak a fol. 47 tal-process fejn tindika kemm seduti thassru.

Rat li s-seduta tal-5 ta' Marzu 2003 f'12.00p.m. quddiem l-Assistenta Gudizzjarja giet kancellata peress li Dr Tanti Dougall kien se jkun imsiefer u l-istess gara f'tat-18 ta' Marzu 2003 ghaliex Dr. Tonio Azzopardi kien imsiefer.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja biex tiffissa l-ahhar tlett seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet;

Rat is-seduta tal-4 ta' April 2003 fis-2.00p.m. quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fejn xehed **David Degabriele**, Assistant Direttur Human Resources fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Rat is-seduta tal-14 ta' Mejju 2003 f'12.00p.m. quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fejn xehed Edwin Mallia mill-Employment & Training Corporation.

Rat in-notament ta' l-Assistenta Gudizzjarja a fol. 62 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2003 fejn inghata digriet ta' nota guramentata lill-partijiet sabiex jelenkaw il-pretensjonijiet taghhom. Il-Qorti ordnat li tigi ffissata seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi attrici diga' ffissata fl-10 ta' Gunju 2003 f'12.00p.m. u wara tali seduti l-provi attrici qed jigu dikjarati maghluqa. Il-Qorti awtorizzat ukoll lill-Banek jixhdu bl-esenzjoni tas-sigriet professjonali b'dan li x-xhieda taghha tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri, lill-Assistant Gudizzjarju u lill-

Qorti. Inghata digriet ta’ l-affidavit tal-konvenuta b’terminu ta’ 40 jum mill-10 ta’ Gunju 2003, u wara tali terminu tordna lill-Assistenta Gudizzjarja tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-attur datata 21 ta’ Mejju 2003, a fol. 66, li permezz taghha elenka l-pretenzjonijiet tieghu.

Rat ir-rikors (1) tal-attur A datat 15 ta’ Mejju 2003, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tezenta lix-xhieda li kienu sejrin jigu prodotti mill-attur u li kienu marbuta bis-sigriet professjonali, mill-istess sigriet u tordna illi x-xhieda tal-konvenuta B tinghata quddiem din il-Qorti u ghal dan il-ghan u limitatament ghal din ix-xhud, tirrevoka l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-digriet datat 19 ta’ Mejju 2003, fejn il-Qorti laqghat l-ewwel talba u cahdet it-tieni talba , b’dan li l-konvenuta kellha tigi ngunta quddiem l-Assistent Gudizzjarju b’data u hin li l-Qorti tkun taf bihom, jsiru lilha d-domandi skond il-ligi u jigu registrati r-risposti taghha, bhal ta’ kull xhud, b’ dan li fin-nuqqas tal-konvenuta li tirregola ruhha skond il-ligi, il-Qorti kellha tiehu l-provedimenti opportuni fir-rigward taghha, anke ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti.

Rat ir-rapport tal-espert Psikjatriku Dr Joseph Cassar minn fol. 74 sa fol. 86 mahluf fis-17 ta’ Gunju 2003.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja fl-10 ta’ Gunju 2003 fejn xehdu rapprezentanti tal-banek lokali, nkluzi **Chaterine Fenech mill-HSBC**, **Paul Gambina tal-Bank of Valletta** u l-**konvenuta B** in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2003 fejn il-Psikjatra Dr Joseph Cassar halef ir-rapport. Dr Ciliberti rrimetta ruhu ghar-rapport kif ghamel ukoll Dr Tonio Azzopardi. Il-Qorti rrilevat li d-digriet taghha tal-21 ta’ Mejju 2003 ma kienx ghadu gie osservat. Il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Gonzi li zzomm zewg seduti fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-provi kollha tal-konvenuta, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet qed jigu minn

issa dikjarati maghluqa. Il-process ghandu jigi ritornat mill-Assistent Gudizzjarju fir-Registru.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Lulju 2003 mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja fejn Dr Tonio Azzopardi rrileva li l-affidavit tal-konvenuta gie redatt; u dik tal-4 ta’ Lulju 2003 fejn ma deher hadd; u dik tat-13 ta’ Novembru 2003 fejn is-seduta giet ikkancellata minn Dr Tonio Azzopardi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Novembru 2003 fejn Dr Azzopardi ddikjara li se jipprovdi l-affidavit tieghu fi zmien gimghatejn. Il-Qorti ordnat li tinzamm seduta wahda fil-21 ta' Novembru 2003 f'12.00p.m. ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuta. L-affidavit tal-konvenuta ghandu jigi prezentat sa dakinhar. Wara tali seduta l-provi tal-konvenuta qed jigu dikjarati maghluqa. Il-Qorti ordnat li ssir seduta ohra ghall-kontro-ezamijiet tal-konvenuta jew xhieda taghha sa l-ahhar ta’ Dicembru 2003.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja fil-21 ta’ Novembru 2003 f’12.00p.m. fejn xehed **A** in kontro-ezami.

Rat l-affidavit tal-konvenuta B, minn fol. 146 sa fol. 150 datat 29 ta’ Novembru 2003.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja fit-28 ta’ Novembru 2003 fis-1.00p.m. fejn xehdet in kontro-ezami l-**konvenuta B** minn fol. 151 sa fol. 182 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Jannar 2004 fejn Dr Ciliberti ddikjara li m’ghandux provi izjed filwaqt li nforma lill-Qorti li s-seduti nzammu. Il-Qorti nnotat li m’hemm xejn fil-process, u peress li l-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Gonzi harget bil-*maternity leave*, tordna lir-Registratur tal-Qrati biex jottjeni l-verbali tas-seduti mizmuma quddiemha u jigu inseriti fl-istess process. Il-kawza giet differita biex jigu rintraccati l-verbali ta’ l-istess seduti.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Marzu 2004 fejn Dr Marco Ciliberti ddikjara li tfal m’hemmx u l-attur qed ihallas Lm85 fix-

xahar manteniment pero’ jikkontendi li m’ghandux ihallas peress li l-konvenuta waqfet tahdem skond hu, kapricozament. Stima ta’ l-immobbli m’hemmx. Il-konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma’ dehrux. Il-Qorti nnominat lill-Perit Mario Cassar bhala Perit Tekniku sabiex jaghmel stima tal-fond: “Dar Sant’Anna”, Triq Santa Bernardetta, Qrendi , a spejjez bin-nofs bejn il-partijiet. Mobbli hemm biss kamra tas-sodda

Rat il-verbal tat-3 ta’ Gunju 2004 fejn il-Perit Mario Cassar li halef ir-rapport tieghu datat 21 ta’ April 2004 fejn ghamel stima tal-fond “Sant’Anna, Triq Santa Benedatta, Qrendi fl-ammont ta’ madwar Lm50,000.

Rat ir-rapport tal-Perit Mario Cassar minn fol. 189 sa fol. 194 mahluf fit-3 ta’ Gunju 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta.

Rat il-verbal tas-27 ta’ April 2005 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha Dr Tonio Azzopardi msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Marco Ciliberti ghall-attur iddikjara li jippretendi li d-dar tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejniethom. Il-mobbli m’ghandhom l-ebda valur. Dr Ciliberti jissottometti li l-attur m’ghandux ihallas manteniment *stante* li l-konvenuta kapaci tahdem. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Ottubru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II.KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fit-8 ta’ Marzu 1997 u mill-provi prodotti jidher bla ebda dubju li l-istess kontendenti fil-kawza odjerna kellhom

eghrusija mhux daqshekk twila fejn diga’ minn dak iz-zmien huma kienu jargumentaw bejniethom mhux hazin (*vide* affidavit ta’ l-attur a fol.28 tal-process).

Illi fil-fatt anke qabel ma’ zzewgu jirrizulta li kienu jargumentaw fuq finanzi u dan hareg mix-xhieda tal-partijiet innifishom u mix-xhieda l-ohra li gew pprezentati, bil-familjari tal-partijiet skjerati ghall-ordinijiet rispettivi taz-zewgt nahat. Infatti jidher li kien hemm dizgwid dwar l-ammont ta’ flus li riedu jnhargu minnhom ghax-xiri tad-dar matrimonjali u sabiex jlestuha. Skond ma xehdet il-konvenuta huma ma kienux tkellmu qabel iz-zwieg dwar tfal. L-attur ma qal xejn dwar dan pero’ xehed li fi zmien l-eghrusija kien ikollu johrog hafna drabi lill-familja kollha tal-konvenuta bil-karozza tieghu. Kwindi zgur hu li dawn ma kellhomx daqshekk hin ta’ komunikazzjoni bejniethom sabiex ikunu jistghu jsiru jafu lil xulxin.

Illi dan wassal sabiex in verita’ l-ebda wahda mill-partijiet ma’ kienet ppreparata ghall-hajja mizzewga u fil-fatt kif tfaccaw il-problemi dan iz-zwieg tista’ tghid li sfaxxa u dan anke in vista tal-fatt li rrizulta bla ebda dubju li l-akbar problema ta’ bejniethom kienet li din il-koppja, ghalkemm ippruvat ma kellhomx tfal. L-attur isostni li huwa dejjem ried it-tfal u ghamlu minn kollox biex jirnexxielhom – infatti kienu jmorru l-isptar regolarment ghal dan il-ghan. Min-naha taghha l-konvenuta ssostni li zewgha, wara z-zwieg, kemm-il darba qalilha li tfal ma riedx. *Inoltre’* biex zgur ma jkollhomx tfal huwa kien jiehu certu prekawzjonijiet biex zgur martu ma tinqabadx tqila. L-attur jichad dan, u jsostni li beda jkollu relazzjonijiet intimi ma’ martu li ma jwasslu ghat-tfal minn mindu bdew bil-proceduri tal-Qrati. Ghalkemm illum jammetti li dawn ir-relazzjonijiet waqfu tant hu hekk li jorqdu fi kmamar separati.

Illi saru diversi allegazzjonijiet mill-partijiet kontra xulxin li certament ma’ jistax jinghad li gew ippruvati, kemm minn naha u kemm minn ohra u din il-Qorti thoss li ghal dak li jirrigwarda l-fatt li din il-koppja ma kellhiex tfal, ma jidhirx li l-allegazzjonijiet tal-konvenuta f’dan ir-rigward huma sostanzjati. Anzi din il-Qorti thoss li dawn ma gewx ppruvati u huma kontradetti mix-xhieda prodotta mill-attur.

Min-naha l-ohra l-attur jallega li l-konvenuta kienet mara li tghir hafna u li sahanistra jghid li hija waslet biex iggib ruhha b'certu mod fil-konfront tieghu u tal-familjari tieghu; hawn il-Qorti tirreferi ghall-allegazzjonijiet ta' l-attur dwar il-konvenuta fejn jallega certu komportament taghha l-aktar meta hija kienet saret taf li l-mara ta' hu l-attur kien se jkollha tarbija qabilha.

Illi f'dan il-kaz ukoll din il-Qorti thoss li dawn l-allegazzjonijiet ta' l-attur ukoll ma gewx sostanzjati b'mod soddisfacenti, u certament din il-Qorti thoss li ma saritx il-grad tal-prova rikjesta mill-ligi quddiem din il-Qorti anke fl-isfond ta' dak allegat mill-attur fic-citazzjoni teghu.

Illi din il-Qorti thoss li jidher li l-fatt li din il-koppja ma' kellhiex tfal waslet ghal dan id-dizgwid bejn il-partijiet u jidher li kienet xewqa kbira tal-konvenuta li jkollha tarbija, izda din il-Qorti ma' thossx li gie ppruvat li l-attur intenzjonalment ma riedx prokreazzjoni ta' ulied. Jidher mill-provi prodotti li hekk gara u jirrizulta li f'certu zmien l-attur qata' qalbu u peress li din il-problema holqot pressjoni kbira fuq il-konjugi, iz-zwieg taghhom sfortunatament tfarrak.

Illi dan kollu fl-isfond ta' dak li rrelata l-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar fir-rapport tieghu mahluf fit-3 ta' Gunju 2004 huwa sinfikanti. Fil-fatt l-istess rapport jghid hekk:

*"Wara li ezaminajt il-process, hadt ix-xhieda necessarja u ezaminajt kemm l-attrici u kif ukoll il-konvenut (recte: kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuta kull fejn jidher hekk), ghandi l-pjacir nifformula dawn il-konsiderazzjonjiet :*

*1) Kemm l-attrici u kif ukoll il-konvenut ghandhom problemi psikologici karatterjali u relazzjonali.*

*2) Il-profili psikologici jindikaw certi karatteristici illi flok jghinu lil xulxin ifixklu hafna s-sitwazzjoni.*

*3) Il-problema ta' natura sesswali li nqalghet bejn il-konjugi, tista' tigi mifhuma f'kuntest fejn kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut ma ghandhomx l-ghodda psikologici u*

*konjittivi biex iharsu lejn id-diffikultajiet taghhom u jilhqu kompromess. Dan ikompli jsir aktar difficli f'kuntest fejn il-karattru tat-tnejn huwa rigidu.*

*<u>Konkluzjoni</u>*

*Kemm l-attrici u kif ukoll il-konvenut, ghalkemm ma jbatux minn mard serju psikjatriku, huma t-tnejn ghandhom problemi psikologici kbar, kif ukoll limitazzjonijiet konjittivi li setghu kkrejaw il-problemi ta' natura sesswali u wasslu ghal sitwazzjoni rriversibbli bejn il-koppja."*

Illi dan iwassal lill-Qorti biex tkompli ssahhah l-idea li hadet mix-xhieda kollha prodotta, li dan ir-rapport jikkonferma li t-tifrik ta' dan iz-zwieg sehh minhabba l-karattru nkompatibbli tal-partijiet bil-kumplikazzjoni li z-zewg partijiet jidher li llum ghandhom problemi psikologici kbar. Dan il-fattur fixkel il-hajja mizzewga taghhom u rrenda l-hajja taghhom flimkien impossibbli. F'dan il-kaz jidher car li l-istess partijiet impikaw wisq flimkien u l-ghodda ta' medjazzjoni setghet wasslet sabiex almenu l-partijiet kien jasslu fi ftehim hafna qabel il-konkluzzjoni ta' dawn il-proceduri – izda dan ma' sehhx anke ghaliex il-process ta' medjazzjoni huwa mezz li fuq kollox ghandu jigi accettat mill-partijiet li jkollhom ir-rieda li jkunu jixtiequ jasslu ghall ftehim onorabblu u dicenti ghat-tnejn. Dan l-ispirtu certament ma' rrenjax f'din il-kawza u l-konsegwenza ta' dan kienet li din il-kawza damet mal-hames snin sabiex tigi deciza.

Illi konsegwentement din il-Qorti tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici biss fis-sens li tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment u dan mhux minhabba xi tort jew tortijiet imputabbli lil xi parti jew lill-ohra, izda minhabba inkompatibilita' ta' karattru li kawza ta' l-istess irrenda l-konvivenza bejn il-partijiet impossibbli; tawtorizza ghalhekk lil kull parti tghix separatament mill-parti l-ohra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li bazikament il-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti principarjament fil-fond matrimonjali bl-isem "Sant'Anna", Triq Santa Bernardetta, Qrendi liema

fond ghadu sa llum okkupat miz-zewg partijiet. Hemm ukoll xi mobbli. Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2004 gie dikjarat li mobbli hemm biss kamra tas-sodda. L-ebda lista in effetti ma gietipprezentata dwar f'hiex dawn jikkonsistu.

Illi fil-verbal tas-27 ta' April 2005 gie dikjarat minn Dr Marco Ciliberti li jippretendi li d-dar tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejniethom. Il-mobbli m'ghandhom l-ebda valur.

Illi dwar il-fond matrimonjali nhatar il-Perit Mario Cassar bhala Perit Tekniku sabiex jaghmel stima tal-fond. Fir-rapport tieghu huwa kkonkluda li l-valur tal-maisonette flimkien mal-garaxx hu ta' madwar hamsin elf lira Maltija (Lm50,000)

Illi mill-provi prodotti rrizulta li bejn wiehed u iehor il-partijiet hargu flus nofs b'nofs ghax-xiri ta' dan il-fond. B'hekk qed jigi deciz li dan il-fond ghandu jinbiegh bis-subbasta u r-rikavat ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi rigward il-mobbli cioe' l-kamra tas-sodda, il-konvenuta sostniet li hija taghha pero' l-ebda prova ma ngabet f'dan is-sens. B'hekk il-kamra tas-sodda wkoll ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejniethom.

Illi ghalhekk ir-raba' talba attrici qed tigi milqugha billi tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna li l-fond matrimonjali u l-mobbli ghandhom jinbieghu b'subbasta u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi fil-kuntest tat-tielet talba attrici din il-Qorti ma' thoss li ghandhom jigi applikati id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront ta' l-ebda parti; jirrizulta mill-provi li l-istess attur qed ihallas is-somma ta' hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85) fix-xahar lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha u dan skond digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Mejju 2001.

Illi abbazi tal-provi prodotti din il-Qorti ma' thoss li din is-sitwazzjoni ghandha tigi mibdula, anke ghaliex ma

jirrizultax li l-konvenuta telqet kapriccosmant mix-xoghol, kif allega l-attur, u ma' giex ippruvat li hija ghandha xi forma ta' introjtu u ghalhekk l-attur ghandu l-obbligu xorta wahda li jmantni lill-konvenuta.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tielet talba attrici kif proposta**, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn premess u deciz,** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti biss minhabba li z-zwieg ta' bejniethom tkisser b'mod irrimedjabbli u dan minhabba inkompatibilita' ta' karattru li kawza ta' l-istess irrenda l-konvivenza bejn il-partijiet impossibbli.

(2) Tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin.

(3) Tichad it-tielet talba attrici kif proposta b'dan ghalhekk li filwaqt li din il-Qorti tiddikjara li m'ghandhomx jigu applikati id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront ta' l-ebda parti f'din il-kawza, tikkonferma l-ordni vigenti li l-attur attur ihallas is-somma ta' hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85) fix-xahar lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha u dan skond digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Mejju 2001, u dan kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici kollox kif fuq indikat.

(4) Tilqa' din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna li l-fond bl-isem "Sant'Anna", Triq Santa Bernardetta, Qrendi u l-mobbli fuq deskritti li ghadhom fl-istess post ghandhom jinbieghu b'subbasta u r-rikavat ta' l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet bhala s-sehem taghhom rispettiv mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Kull parti ghandha zzomm bhala taghha kull depositu bankarju li jinsab f'isimha.

(5) Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku din is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kollox skond il-ligi.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------